Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 3/2007AE

**Joseph u Stella konjugi Scicluna**

**Vs**

**Carmelo Busuttil**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

**Rikors promotur tad-29 ta' Marzu 2007**.

Ir-rikorrent Carmelo Busuttil ipprezenta rikors quddiem il-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' fejn talab lill-Bord sabiex:

*"1. Tirrevoka w thassar is-sentenza tal-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' tas-6 ta' Frar 2006 fir-rikors fl-ismijiet Joseph u Stella konjugi Scicluna vs Carmelo Busuttil (Rikors nru. 5/2003/1/JC) u dan a tenur ta' l-artiklu 811(a) u (k) tal-Kap. 12 ghar-ragunijiet fuq imsemmia.*

*2. Tordna ghalhekk is-smigh mill-gdid ta' l-imsemmi rikors"*.

Ir-rikorrenti jsostni li:

i. L-intimati hadu s-sentenza tas-6 ta' Frar 2006, b'qerq. Argumenta li fl-atti tar-rikors tal-kawza li taghha qieghed jintalab ritrattazzjoni, ma giex identifikat il-post fejn tinsab l-ghalqa. Madankollu l-intimati ottjenew il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament (85/2007) li mieghu giet mehmuza pjanta li turi raba' li m'hijiex imqabbla lir-rikorrent izda raba' li hi proprjeta tar-rikorrent.
ii. Wara s-sentenza instab dokument deciziv, cjoe' l-pjanta.

**Twegiba tal-intimati**.

1. In-nullita' tar-rikors ghaliex il-proceduri gew intavolati bl-istess okkju tal-kawza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni.
2. L-azzjoni ghar-ritrattazzjoni hi perenta bit-trapass ta' tlett xhur, u dan kif jirrizulta minn korrispondenza skambjata minn fejn jidher li l-ewwel darba li r-rikorrent sar jaf bl-art meritu tal-mandat ta' zgumbrament, kien xhur qabel ircieva l-mandat ta' zgumbrament.
3. Mhux minnu li l-intimati pprattikaw qerq fuq ir-rikorrent. Fir-rigward:
   (a) Tal-Artikolu 811(a) ma ngabu ebda provi dwar l-entita' tar-raba' ghaliex ir-rikorrent kien qed jiskarta n-notifika. Fil-fatt fic-cedoli ta' depozitu tnizzel indirizz fejn qatt ma seta' jigi notifikat. Wara li gie notifikat, Busuttil ma ddefendix ruhu u ghalhekk ma kienx hemm htiega li jitressqu provi gialadarba ma kellux interess fil-kawza.

(b) Tal-Artikolu 811(k), ir-rikorrent sar jaf ghall-ewwel darba bil-porzjon art li l-intimati kienu qeghdin jippretendu li r-rikorrent jigi zgumbrat minnha, xhur qabel il-hrug tal-mandat ta' zgumbrament. Il-pjanta ma tikkwalifikax bhala dokument ghal finijiet ta' dan il-provvediment.

4. Fil-meritu mhux veru li l-art oggett tal-mandat hi proprjeta tar-rikorrent. L-intimati xtraw l-art in kwistjoni b'titolu qabel dak tar-rikorrent.
5. Minn ezami ta' dak li akkwista r-rikorrent wara l-akkwist tal-intimati, jirrizulta li di fatti xtara l-ghalqa kollha, u allura kif jista' jkun li jibqa' jinsisti fuq il-pretensjonijiet tieghu, meta ghalkemm kien ihallas il-qbiela lill-intimati qieghed ighid li l-ghalqa hi proprjeta tieghu.

**<u>Sentenza tal-Bord tal-5 ta' Ottubru 2011</u>**.

Il-Bord beda biex qal:

*"Illi din hija sentenza dwar iz-zewg eccezzjonijiet preliminary sollevati mir-ritrattati konjugi Scicluna….".*

Fir-rigward **tal-ewwel eccezzjoni**, il-Bord ikkonkluda:

*"… n-nuqqas tal-inverzjoni tal-ismijiet f'kawza gdida ta' ritrattazzjoni ma jimporta ebda nullita' tal-procedura, dan il-Bord ma jarax li ghandu jinoltra f'aktar konsiderazzjonijiet u ghalhekk qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni".*

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, li l-Bord qal li *"… taggira dwar it-terminu procedurali li fih kellha tkun intavolata l-odjerna kawza ……"*, iddecieda:

i. Dwar l-Artikolu 811(a), qal:

> *"Issa, mid-data tas-sentenza sal-hrug tal-mandat ta' zgumbrament ghaddew hdax-il xahar u r-ritrattant seta' jipprezenta din il-procedura fi zmien tlett xhur minn meta rcieva l-ewwel ittra f'Gunju 2006 jigifieri sa Settembru 2006 meta seta' jissuspetta li l-konjugi Scicluna ottjenew is-sentenza b'qerq, izda dik il-korrispondenza ma kinitx akkumpanjata bil-pjanta in meritu. Izda wkoll bil-mod kif espona l-kaz tieghu r-ritrattant, jista' jiftiehem lilli l-allegazzjoni ta' qerq tikkonsisti filli r-ritrattati setghu ottjenew sentenza b'deskrizzjoni generika tar-raba' sabiex eventwalment jesegwixxu l-istess fuq raba' li allegatament ma tappartjenix lilhom u kien fil-mumenta meta rcieva l-mandat ta' zgumbrament akkumpanjat bi pjanta li r-ritrattant qatt seta' jinduna b'din l-istrategija kollha. In bazi ghal tali argomentazzjoni, jekk dan huwa l-kaz, allura t-tlett xhur jibdew jiddekorru minn meta kien notifikat bil-mandat ta' zgumbrament u **ghalhekk il-Bord qieghed jichad it-tieni eccezzjoni sollevata mir-ritrattati**"* (enfazi mizjuda).

ii. Dwar l-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12, qal:

> *"Izda fil-kaz in dizamina, r-ritrattant mhux biss kien passiv fil-kawza kontra tieghu bin-nuqqas li jwiegeb ghat-talbiet kontra tieghu u bin-nuqqas ta' presenza tieghu waqt il-kawza minkejja li kien debitament notifikat, talli d-dokument li jghid li issa gie fil-pussess tieghu inghata lilu proprju mir-ritrattati, akkumpanjanti l-mandat ta' zgumbrament. L-interpretazzjoni tal-artikolu 811(a) (recte, k) ghandha tkun ristretta hafna kwantu l-oneru kif spjegat bis-sentenzi citati supra. Dan mhux kaz li r-ritrattant kien sokkombenti ghall-kawza minhabba li kien priv minn dokument li ma kienx fil-pussess tieghu, izda huwa kaz*

*fejn hu ma vvanta l-ebda difiza u ma jistax ighid li sab dokument li seta' b'xi mod immotiva konsiderazzjoni differenti mill-Bord li pprolata s-sentenza. Meta fl-ittri responsivi tieghu r-ritrattant ighid li ser ikun difficli jezegwixxi s-sentenza minhabba l-konfini generici, kien konsapevoli tal-fatt li setghet kienet ottenuta sentenza dwar art li parti minnha kienet tieghu. A fol. 51 ighid bil-gurament illi l-perit tar-ritrattant kien talbu kopja tal-kuntratt u pjanta u 'bghattielu u l-perit ma hadimx, ghax ma hadimx il-perit ?'. Aktar 'l quddiem ighid li ghandu l-pjanta tan-Nutar Mangion meta xtara l-art. U kwindi, jemergi minghajr ebda ombra ta' dubju illi r-ritrattant kellu fil-pussess tieghu l-pjanta li jghid li setghet kienet ta' beneficcju ghall-kawza tieghu, b'ammissjoni tieghu stess, izda ghal fini ta' din il-procedura qieghed jistrieh fuq id-dokument anness mal-atti ta' mandat ta' zgumbrament hdax-il xahar wara l-prolazzjoni tas-sentenza. Huwa ddikjara mal-perit Zammit li kellu tali pjanta meta kellu nkontru f'Mejju 2006 u ghalhekk kienu ddekadew gravament it-tlett xhur li fiha seta jintavola din il-procedura. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun milqugha.".*

**Appell tar-rikorrent**.

Fir-rikors tal-appell li pprezenta fil-25 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrent talab:

*"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, u filwaqt li l-appellant jirrizerva li jipproduci dawk il-provi li f'dan l-istadju huma ammissibbli skond il-ligi, umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha tvarja s-sentenza tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' tal-5 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet Joseph u Stella konjugi Scicluna vs Carmelo Busuttil Rikors 3/07GG billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet sollevati mir-ritrattati, thassar u tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn laqghet l-eccezzjoni tar-ritrattat dwar il-perjodu perentorju ta' tlett xhur in kwantu applikabbli ghall-artikolu 811(k) tal-Kap. 12 u tghaddi biex tilqa' t-talba ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' fl-ismijiet Joseph u Stella konjugi Scicluna vs Carmelo Busuttil Rikors Nru 5/03JC jew tirrimetti l-istanza odjerna ghat-tkomplija tas-smiegh fil-meritu quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'".*

Mir-rikors tal-appell hu evidenti li r-rikorrent appella minn dik il-parti tas-sentenza tal-Bord li laqghet dik il-parti tat-tieni eccezzjoni[1] li titratta l-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12, u f'liema eccezzjoni l-intimati jsostnu li l-azzjoni hi perenta bit-trapass tat-tliet xhur (Artikolu 818(a) tal-Kap. 12). L-argument tar-rikorrent hu li l-pjanta mehmuza mal-mandat ta' zgumbrament ma kinitx parti mill-atti tal-kawza 5/2003/1, u kien biss meta gie notifikat bil-mandat li kellu c-certezza li l-intimati riedu jezegwixxu s-sentenza tal-Bord fuq ir-raba' meritu tal-kaz. Ghalhekk it-tliet xhur bdew ighaddu mid-data tal-hrug tal-mandat ta' zgumbrament.

**Twegiba tal-intimati**.

Irrizulta li r-rikorrent sar jaf bis-sentenza ferm qabel iz-zmien li semma fir-rikors tal-appell. Mill-korrispondenza li giet ezibita, irrizulta li t-tliet xhur kien ghaddew.

Inoltre, l-pjanta ma tikkwalifikax bhala dokument deciziv kif jitlob l-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12. Frazi li tfisser li d-dokument seta' jkollu effett materjali fuq id-decizjoni tal-Bord, kieku gie pprezentat f'dak l-istadju. Il-pjanta mehmuza mal-mandat tiffacilita biss l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Bord. Ukoll kieku giet ezibita quddiem il-Bord, il-pjanta ma kienet ser timmaterjalizza l-ebda effett kuntrarju ghas-sentenza li ta l-Bord.

[1] Ara fol. 12 tal-atti tal-Bord.

**Fatti**.

i. Ir-rikorrent jikri minghand l-intimati, porzjon raba' msejha tal-Iskalpell fil-limiti taz-Zejtun.
ii. Fl-2003 l-intimati ppproponew kawza quddiem il-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri tar-Raba' sabiex jiehdu lura l-pussess tar-raba' ghaliex qalu li Busuttil kien ilu tnax-il xahar konsekuttivi ma jahdimx ir-raba' (Rikors 5/2003/1). Ir-rikorrent Busuttil baqa' kontumaci u b'sentenza tas-6 ta' Frar 2006 il-Bord laqa' t-talba ta' sidien il-kera u awtorizzahom jiehdu lura l-pussess tar-raba' fi zmien xahar minn dakinhar.
iii. Matul Gunju u Lulju 2006 giet skambjata korrispondenza bejn l-avukati dwar l-art oggett tal-kirja u s-sentenza tal-Bord tas-6 ta' Frar 2006.
iv. Fit-22 ta' Jannar 2007 l-intimati pprezentaw mandat ta' zgumbrament (85/2007) u mieghu ehmzu pjanta li turi l-art in kwistjoni. Jidher li fis-26 ta' Frar 2007 il-Bord ta digriet li bih ordna l-hrug ta' mandat ta' zgumbrament.
v. Fid-29 ta' Marzu 2007 ir-rikorrent ipprezenta r-rikors ghar-ritrattazzjoni tal-kawza 5/2003/1.

**Konsiderazzjoni**.

1. L-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12 jikkontempla r-ritrattazzjoni ta' kawza:

   *"jekk wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghatx iggibu, qabel dik is-sentenza".*

   Skond l-Artikolu 818(a) it-talba ghar-ritrattazzjoni trid issir fi zmien tliet xhur minn meta *"jinsab id-dokument".*

2. Ir-rikorrent appella mis-sentenza u lmenta li l-Bord ikkalkola t-tliet xhur minn Mejju 2006. Kompla jghid:-
   *"Illi bir-rispett kollu* ***l-pjanta li giet a konoxxenza tar-ritrattant f'Mejju 2006 hija ghal kollox estraneja minn dawk il-proceduri u r-ritrattant ma kellu ebda indikazzjoni cara jew probabbli li r-ritrattat seta' jew kien sejjer jezegwixxi s-sentenza originali proprju fir-raba' indikata fil-pjanta f'Mejju 2006****. Ghalhekk il-pjanta in kwistjoni, f'Mejju 2006, ma kellha ebda valur legali, u ma kien hemm xejn xi jzomm lir-ritrattat milli sussegwentement jasserixxi l-pretensjoni tieghu fuq xi raba' ohra gialadabra r-ritrattat kien ottjena sentenza dwar 'ghalqa fl-inhawi msejha ta' l-Iskalpell limiti taz-Zejtun'".*

3. Fil-fehma ta' din il-qorti, dan l-estratt mir-rikors tal-appell jikkonferma li r-rikorrent sar jaf bil-pjanta li eventwalment giet mehmuza mal-mandat ta' zgumbrament 85/2007, xhur ferm qabel il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament. Mill-atti jirrizulta:-

   (a) Li f'Gunju u Lulju 2006 gew skambjati ittri legali minn fejn jirrizulta li r-rikorrent kien jaf liema kienet il-porzjon art li l-intimati kienu qeghdin

isostnu li kienet imqabbla ghand ir-rikorrent u oggett tal-kawza Scicluna et vs Busuttil (5/2003/1) deciza mill-Bord fis-6 ta' Frar 2006.

(b) Sahansitra f'ittra legali datata 4 ta' Lulju 2006 (fol. 19) li ntbaghatet ghannom tar-rikorrent, jinghad: *"Skond kuntratt ta' l-akkwist tas-26 t'April 1982 l-art tal-klijent tieghek tinsab fin-nofs man-naha ta' fejn hemm il-moghdija* ***u mhux kif indikata fil-pjanta annessa mal-ittra tieghek****"* (enfazi mizjuda, fol. 19). Kliem li juru li fil-fatt ir-rikorrent kellu fil-pussess tieghu kopja tal-pjanta. Fil-fatt f'ittra legali datata 23 ta' Gunju 2006 li ntbaghatet lir-rikorrent, jinghad: *"Ghal darb'ohra qieghed ninterpellak sabiex tizgombra mill-ghalqa li qeghda tigi* ***delinejata b'sinjali diagonali fil-pjanta annessa****"* (enfazi mizjuda, fol. 17). M'hemmx prova li wara nharget xi pjanta differenti. Sahansitra mill-provi jirrizulta li l-intimati kienu nkarigaw lill-perit Ian Zammit sabiex jimmarka l-konfini tar-raba' taghhom[2].

Hu veru li kif argumenta r-rikorrent, l-ewwel darba li jidher li l-pjanta ntuzat f'atti gudizzjarji kien fil-mandat ta' zgumbrament prezentat fit-22 ta' Jannar 2007. Pero' l-qorti ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrent li kien mal-prezentata tal-mandat ta' zgumbrament li: *"... kellu c-certezza li r-ritrattat ried jezegwixxi s-sentenza originali tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' tas-6 ta' frar 2006 propju fuq ir-raba' mertu tal-kaz u kwindi l-perjodu perentorju ta' tlett xhur beda jiddekorri minn dakinhar tal-hrug tal-mandat ta' zgumbrament"* (fol. 4). Ir-rikorrent kien minn xhur qabel jaf li l-intimati ser jipprocedu ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza skond il-pjanta. Madankollu ghal finijiet ta' ritrattazzjoni bazata fuq l-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12, it-tliet xhur jiddekorru minn meta ***"jinsab id-dokument"***. Jekk wiehed **ghall-grazzja tal-argument biss**[3] kellu jaccetta li l-pjanta mehmuza mal-mandat ta' zgumbrament hi *'dokument deciziv'* skond l-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12, mill-provi rrizulta li d-dokument kien ghand ir-rikorrent ghallinqas zgur minn Gunju 2006. Dak hu z-zmien meta ghal finijiet tal-Artikolu 818 tal-Kap. 12 jista' jinghad li r-rikorrent sab id-dokument.

4. Il-qorti tosserva wkoll li r-riferenza li ghamel ir-rikorrent ghal dik il-parti tas-sentenza tal-Bord fejn qal: *"kien fil-mument meta rcieva l-mandat ta' zgumbrament akkumpanjata bi pjanta li r-ritrattant qatt seta' jinduna b'din l-*

---

[2] Ara deposizzjoni tal-perit Ian Zammit.

[3] Il-qorti qeghda taghmel dan il-kumment ghaliex kif intqal fis-sentenza Carmelo Sultana vs Petronilla Bugeja proprio et nomine tas-16 ta' Gunju 1958 (Volum XLII.i.385) tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), l-Artikolu 811(k) *".. giet ripetutament interpretata fis-sens illi ma tapplikax hlief meta kien impossibbli jew difficli hafna li d-dokument jigi prodott fl-ewwel kawza. Milli jidher dan il-principju gie stabbilit l-ewwel darba fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Mejju 1895 in re Schembri vs Cachia, u minn dak iz-zmien gie affermat f'serje shih ta' sentenzi ohra (ara, p.e. Kollez. Vol. XVI.i.76; XXIV.ii.35; XXVII.i.853; XXVII-499; XXVIII.i.584 u 825; XXIX.i.645; XXXIII.i.703)"*. Issa fil-kawza 5/2003/1 ir-rikorrent baqa' kontumaci u hu evidenti ghalhekk li ma kien ser iressaq l-ebda dokument gialadarba baqa' kontumaci.

*istatregija"*, m'hijiex rilevanti. Dak l-estratt ittiehed minn dik il-parti tas-sentenza fejn il-Bord kien qieghed jitratta t-tieni eccezzjoni tal-intimati fir-rigward tat-talba ta' ritrattazzjoni tal-kawza bazata fuq l-Artikolu 811(a) tal-Kap. 12. L-appellant m'huwiex korrett meta qal li *"…. tali argumentazzjoni japplika wkoll ghall-kawzali sollevata mir-ritrattant per artikolu 811(k) tal-Kap. 12"*. Skond l-Artikolu 818 tal-Kap. 12, it-terminu ta' tliet xhur fil-kaz tal-Artikolu 811(a) u (k) jiddekorri minn zmien differenti. Ghalhekk dak li nghad fir-rigward ta' talba ghal ritrattazzjoni bazat fuq l-Artikolu 811(a) ma japplikax ghal ritrattazzjoni bazata fuq l-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12.

**Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu**.

Anthony Ellul